# AVVIŻ GĦALL-PASSIĠĠIERI LI SE JSIEFRU BL-AJRU

## REGOLAMENTI ĠODDA TA' L-UE DWAR IS-SIGURTA' FL-AJRUPORTI

Kapitlu 353 ta' l-Att dwar is-Sigurta' ta' l-Avjazzjoni Ċivili (Malta)

U Annex tar-Regolament Numru 1546/2006 tal-Kummissjoni Ewropeja

## ĦARSA ĦAFIFA BIEX TGĦINEK TIFHEM

Splussivi likwidi huma l-aħħar theddida għas-sigurta' tal-passiġġieri. Biex int tkun protett minn dan ir-riskju, l-Unjoni Ewropeja implimentat regolamenti ġodda tas-sigurta' għall-passiġġieri u l-bagalji li jinġarru minnhom.

Ir-regolamenti ġodda jillimitaw l-ammonti ta' likwidi li tista' ġġorr miegħek miż-żoni ta' sigurta'. Dawn japplikaw għall-passiġġieri kollha li jsiefru minn ajruporti fl-UE għal kwalunkwe destinazzjoni.

Ir-regolamenti ġodda jfissru li fiż-żoni ta' sigurta' int u l-bagalji tiegħek iridu jiġu eżaminati għall-likwidi flimkien ma oġġetti oħra projibiti. Dawn ir-regolamenti ġodda ġew introdotti speċifikament biex jgħinu lill-uffiċjali tas-sigurta' biex jeliminaw kull theddida.

**Ir-regolamenti ġodda se jiġu fis-seħħ minn nhar it-Tnejn 6 ta' Novembru 2006 fl-ajruporti kollha fl-Unjoni Ewropeja sakemm jingħata avviż ieħor.**

## X'HEMM ĠDID?

**Waqt li qed tippakkja**

- Kwantitajiet zgħar ta' likwidi biss jistgħu jinġarru fuq persuntek jew fil-*hand luggage*
- Oġġetti likwidi jridu jitqiegħdu f'borża tal-plastik apposta li terga' tissiġilla ruħha.
- Kull oġġett likwidu li jitpoġġa fil-boroż ma jistax ikun ta' volum akbar minn 100ml.
- Jiġu aċċettati biss boroż apposta li jerġgħu jissiġġilaw ruħhom (daqs: 18cm x 20cm)
- Oġġetti li jitqiegħdu fil-borża jridu jkunu joqogħdu fija b'mod komdu.
- Kull passiġġier jista' jġġorr miegħu borża waħda (1) BISS ta' volum massimu ta' litru.
- Wara l-kontroll tas-sigurta' l-borża tista' titpoġġa fil-*hand luggage*.



**Fl-ajruport**

Int għandek tippreżenta l-borża tal-plastik li fiha l-kontenituri tal-likwidi lill-uffiċjali tas-sigurta' – separatament mill-*hand luggage* – biex dawn jiġu eżaminati.

Int għandek tneħħi il-ġakketta u/jew kowt. Dawn jiġu eżaminati separatament waqt li int tgħaddi mill-*metal detector*.

Jekk jogħġbok neħħi l-laptop kompjuters jew apparati elettroniċi kbar minn ġol-*hand luggage*. Dawn jiġu eżaminati separatament waqt li int tgħaddi mill-*metal detector*.

**Likwidi jinkludu:**

✈ ilma u xorb ieħor, sopop u syrups ✈ creams, lotions u żjut ✈ fwejjaħ ✈ sprays ✈ ġels, jinkludu kemm tax-xagħar u tax-shower ✈ bottijiet ippressati bħal foam tal-leħja, foams oħra, deodorants ✈ pastes, li jinkludi t-toothpaste ✈ taħlita ta' likwidi u solidi ✈ kwalunkwe oġġett ieħor simili u konsistenti

## X'MHUX SER JINBIDEL

Int għadek tista' tippakkja likwidi fil-bagalja li tgħaddi miċ-check-in – ir-regolamenti jeffettwaw biss il-bagalja li ġġorr miegħek fuq l-ajruplan.

Mediċini u bżonnijiet tad-dieta, li jinkludi l-ikel għat-trabi, li neċessarjament iridu jiġu kkunsmati waqt il-vjaġġ jistgħu jinġarru fil-*hand luggage*. F'dawn il-każi ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-ammonti li tista' ġġorr.

Għadek tista' tixtri likwidi, bħal bibiti u fwejjaħ, minn ħwienet fl-ajruporti ta' l-UE wara li tkun ippreżentajt il-*boarding pass*. Jekk dawn l-oġġetti jinbiegħu f'boroż speċjali ssiġilati, stenna sakemm tgħaddi miż-żoni tas-sigurta' biex tiftaħ il-borża. Anke f'dawn il-każijiet ma hemm l-ebda limitu fuq il-kwantita' ta' likwidu li tista' tixtri.

Jekk il vjagg tiegħek jinkludi trasferiment għall-titjira oħra f'ajruport ta' l-UE, xorta tista' tixtri likwidi, jew minn ħanut f'ajruport ta' l-UE li jinsab lil'hinn minn fejn tkun ippreżentajt il-*boarding pass* tiegħek jew minn fuq ajruplan operat minn kumpanija ta' l-ajru mill-UE. Il-likwidi ser jinbiegħu f'boroż speċjali li jistgħu jkunu ssiġġilati. Stenna sakemm tkun għaddejt mill-proċeduri ta' sigurta' fl- ajruport (l-aħħar) tat-trasferiment fl-UE qabel tiftaħ il-borża.

**Jekk għandek xi dubju fuq x'tista' ġġorr miegħek int mitlub tikkuntattja l-linja ta' l-ajru jew l-aġenzija ta' l-ivvjaġġar qabel ma tkun ser issiefer.**

**Dawn il-miżuri se jiġu introdotti biex titħares is-sigurta' tiegħek u għaldaqstant il-koperazzjoni u konsiderazzjoni tiegħek ma l-uffiċjali tas-sigurta' fl-ajruport u dawk tal-linji ta' l-ajru jkunu ferm apprezzati.**

**Il-boroż li jerġgħu jissiġġillaw ruħhom jistgħu jinxtraw minn diversi ħwienet u ser ikunu wkoll għall-bejgħ mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.**

Id-dokument ġie mfassal mill-Kummissjoni Ewropeja (EC), l-Assoċjazzjoni tal-Linji ta' l-Ajru Ewropej (AEA) u l-Kunsill Internazzjonali ta' l-Ajruporti (ACI)

***Disclaimer*** Dan id-dokument jiġbor fil-qosor għall-informazzjoni tiegħek il-leġislazzjoni konċernata ta' l-UE. Kull azzjoni legali jew claim għandu jiġi bbażat fuq il-dokument legali proprju.